

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1472

tas-17 ta' Lulju 2023

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1055/2008 fir-rigward tal-frekwenza li biha l-Istati Membri jipprovdu r-rapport tal-kwalità tagħhom**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ tal-pagamenti, il-kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-valutazzjoni tal-kwalità tad-*data* fl-oqsma tal-istatistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti (BOP), tal-istatistika dwar il-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali (IIP), l-istatistika dwar il-kummerċ internazzjonali tas-servizzi, u l-istatistika dwar l-investiment dirett barrani ssir f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1055/2008 <sup>(3)</sup> jistabbilixxi l-kriterji tal-kwalità u l-kontenut u l-frekwenza tar-rapporti tal-kwalità.
- (2) Il-monitoraġġ tal-kwalità tad-*data* hu essenzjali u jenħtieġ li jsir fil-ħin. Jenħtieġ li jinkiseb il-bilanċ it-tajjeb bejn il-ħtieġa tal-monitoraġġ u l-frekwenza tar-rapportar tal-informazzjoni rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġi evitat il-piż sproporzjonat.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li l-frekwenza annwali li biha l-Istati Membri jipprovdu rapport tal-kwalità lill-Kummissjoni (Eurostat) tinbidel għal rappurta biennali.
- (4) L-Istati Membri jenħtieġ li jippreżentaw ir-rapport tal-kwalità li jmiss tagħhom lill-Kummissjoni (Eurostat) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2025, u mbagħad kull sentejn.
- (5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1055/2008 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1055/2008 huwamendat kif ġej:

- (a) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 1*

Mis-sena 2025 'il quddiem, u jibdev minn dik is-sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport tal-kwalità fuq bażi biennali mfassal skont ir-regoli stabbiliti fl-Anness.”;

<sup>(1)</sup> ĠU L 35, 8.2.2005, p. 23.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1055/2008 tas-27 ta' Ottubru 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' kriterji tal-kwalità u rappurta tal-kwalità għall-istatistiċi ta' bilanċ tal-pagamenti (ĠU L 283, 28.10.2008, p. 3).

(b) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rapporti tal-kwalità tagħhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju ta' kull sentejn”;

(c) l-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

—

ANNEX

“ANNEX

### 1. **Introduzzjoni**

Ir-rapport tal-kwalità għandu jinkludi indikaturi kwantitattivi u anki kwalitattivi tal-kwalità. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha ttiprovdi r-riżultati tal-indikaturi kwantitattivi għal kull Stat Membru, ikkalkulati abbażi tad-*data* mogħtija. L-Istati Membri għandhom jinterpretaw u jikkumentaw dwarhom fid-dawl tal-metodoloġija tal-ġbir tagħhom.

### 2. **Kronoloġija**

- Kull sentejn, sa tmiem l-ewwel kwart tas-sena, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha ttiprovdi abbozzi ta' dokumenti lill-Istati Membri għar-rapporti tal-kwalità, abbażi tad-*data* mibgħuta s-sena ta' qabel, li jkunu diġà mimlija parzjalment minn qabel b'ħafna mill-indikaturi kwantitattivi u informazzjoni oħra disponibbli lill-Kummissjoni (Eurostat).
- Kull sentejn, fi żmien xahrejn minn meta jasal ir-rapport tal-kwalità mimli minn qabel u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju, l-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rapport tal-kwalità lest lill-Kummissjoni (Eurostat).

### 3. **Kriterji tal-kwalità**

Ir-rapport tal-kwalità għandu jkun fih indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi li jkopru l-kriterji kollha tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.”

---